MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 19/2011

**Paul Caruana**

**vs**

**Id-Direttur tal-Habs u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Paul Caruana tal-5 ta' Mejju 2012 li jghid hekk:

1. Permezz tal-att ta' akkuza bin-numru 4 tas-sena 2004, l-esponenti kien akkuzat fl-ewwel kap bit-tentattiv ta' omicidju ta' martu nhar it-12 ta' Gunju, 2003; permezz tat-tieni kap tal-istess att ta' akkuza huwa kien akkuzat li kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-

Kummissarju tal-Pulizija (bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 66, illum imhassar); permezz tat-tielet kap huwa kien akkuzat Ii fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna huwa kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari. Permezz ta' verdett moghti mill-gurija nhar is-6 ta' Lulju, 2006, il-gurati b'6 voti favur u 3 voti kontra sabu lill-esponenti mhux hati ta' tentattiv ta' omicidju izda sabuh hati li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Sandra Caruana, bi strument li jaqta' jew iniggez, b'dan pero li r-reat kien skuzabbli ghaliex l-istess esponenti kien, fil-waqt tad-delitt, fi stat ta' agitazzjoni ta' mohh illi minhabba fiha ma setax iqis l-eghmil tieghu, il-gurati sabu wkoll lill-esponenti unanimament hati skond it-tieni kap tal-att ta' akkuza, u unanimament mhux hati skond it-tielet kap tal-att ta' akkuza;

2. Il-Qorti Kriminali, b'sentenza moghtija dak in-nhar stess ta' nhar is-6 ta' Lulju, 2006, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ikkundannat lill-esponenti ghall-piena ta' tlett (3) snin prigunenja kif ukoll ordnatlu jhallas l-ispejjez kollha peritali inkorsi f'dawk il-proceduri;

3. L-esponenti appella minn dik is-sentenza limitatament mill-piena erogata mill-Qorti Kriminali mhux mis-sejbien ta' htija u b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju, 2007, dik il-Qorti cahdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza appellata;

4. Waqt illi l-esponenti kien qieghed jiskonta l-perjodu ta' inkarcerazzjoni gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, liema post s'intendi jaqa' taht ir-responsabbilta tal-intimat Direttur tal-Habs, huwa gie assoggettat ghal trattament inuman jew degradanti minn ufficjal: tal-istess Facilita bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu sanciti mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana billi gie imcahhad minn kura medika ghal zmien twil meta din kienet mehtiega, billi gie sfurzat jiehu medicina illi assolutament ma kienx bzonnha u billi gie assoggettat ghall-abbuzi u mohqrija ohra anke ta' natura mentali u dana kif ser jirrizulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti gie assoggettat ghal trattament inuman jew degradanti bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu sanciti mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kollox kif premess f'dan ir-rikors;

2. Fit-tieni lok, taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taht il-Konvenzjoni ghall- Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Kostituzzjoni ta' Malta u dana, fost affarijiet ohra, billi tikkwantifika kumpens xieraq u adegwat ghall-lezjoni imgarba mill-esponenti u tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-ammont hekk kwantifikat lill-esponenti;

u dana taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom;

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:
Illi fir-rikors promutur, ir-rikorrenti qieghed jallega illi waqt li kien qieghed jiskonta s-sentenza ta' prigunerija huwa kien allegatament imcahhad minn kura medika ghal zmien twil, billi allegatament gie sfurzat jiehu medicina li ma kellux bzonn u li allegatament gie assoggettat ghall-abbuzi u mohqrija ohra u dan in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu senjatament l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi in linea preliminari, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur ai termini tal-aritkolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi in linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi huwa qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a dispozizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu tramite d-dritt civili ordinarju permezz ta' kawza ordinajra ghad-danni. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferu ghall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso ghall-artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ebda ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi r-rikorrenti qieghed jallega illi huwa gie mcahhad minn kura medika, gie sfurzat jiehu medicina li ma kellux bzonn u li gie assoggettat ghal abbuzi u mohqrija waqt li kien qed jiskonta s-sentenza ta' prigunerija. L-esponenti jissottomettu illi ghall-kuntrarju ta' dak allegat, ir-rikorrenti rcieva kull kura medika f'waqtha u dan kull meta kellu bzonn tali kura. In oltre, kull meta kellu bzonn medicina ir-rikorrent dejjem inghata l-medicina appozita. L-esponenti jichdu kategoratikament illi r-rikorrenti b'xi mod gie assoggettat ghal abbuzi u mohqrija kif allegat fir-rikors promutur;

L-esponenti jissottomettu illi skond il-gurisprudenza kopjuza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem 'inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physcial suffering'[1]. Fil-kaz **Tekin v. Turkey** deciz fid-9 ta' Gunju 1998, gie osservat illi t-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna 'intense physical and mental suffering';

[1] Reid, A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (2nd edition, pg. 522)

L-esponenti jissottomettu illi ghar-rigward ta' trattament degradanti, dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta' taghha. Fil-kaz **Ranninen v. Finland** deciz mill-Qorti Ewropeja fis-16 ta' Dicembru 1997 gie osservat illi 'in considering whether a punishment or treatment is "degrading" within the meaning of Arcticle 3, regard should be had as to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3';

Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli u ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha inkluz ix-xiehda u d-dokumenti u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed jallega fi ftit kliem illi fil-perjodu li kien inkarcerat fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, hu gie assoggettat ghal trattament inuman u degradanti mill-ufficjali tal-istess Facilita billi gie mcahhad minn kura medika mehtiega, billi gie sfurzat jiehu medicina li ma kellux bzonnha u gie assoggettat ghal abbuzi u mohqrija ohra anke ta’ natura mentali.

**Eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta’ locus standi tal-Avukat Generali**

Ir-rikorrenti ceda l-kawza fil-konfront tal-Avukat Generali b’nota tas-7 ta’ Mejju 2012.

**Eccezzjoni dwar l-uzu ta’ rimedji ohra disponsibbli**

Din l-eccezzjoni gie irtirata b'verbal quddiem il-Qorti fis-seduta tal-1 ta' Frar 2012.

**Mertu tal-azzjoni**

Ir-rikorrenti qed jallega trattament inuman u degradanti. L-awturi **Harris O'Boyle u Warbrich** (second edition) ighallmu illi maltrattament irid jilhaq livell minimu ta' serverita biex jigi kwalifikat bhala inuman. Irid jikkawza hsara fizika jew sofferenza fizika jew mentali intensa biex jinstab ragun ghall-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Is-sofferenza kawzata tried tmur oltre dik inevitabbli li tirrizulta minn forma legittima ta' trattament jew piena. Pero hu rikonoxxut illi mhux necessarju l-prova li kien hemm intenzjoni li tikkreja sofferenza jew li s-sofferenza tkun qed tigi kawzata bi skop. Il-kondotta li twassal ghal trattament inuman tista' tiehu diversi forom u jiddependi mill-fattispecie ta' kull kaz biex jigi determinat jekk fil-fatt il-lanjant kienx qed jigi assoggettat ghal trattament inuman fil-forma fizika jew mentali taghha.

Invece trattament degradanti hu tali li fi kliem l-istess awturi 'is such as to arouse in the victim feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them'. It-trattament hu degradanti meta tumilja jew tbaxxxi individwu fejn jigi muri nuqqas ta' rispett lejn jew tnaqqis lid-dinjita umana lejn individwu. Hi rizultat ukoll ta' biza, angoscia jew turija ta' inferjorita intizi li jnaqqsu serjament jew jnehhu kull resistenza morali jew fizika tal-individwu.

Id-differenza basika bejn trattament inuman u dak degradanti hu illi fl-ahhar kaz, l-enfasi hi fuq l-umiljazzjoni u t-tnaqqis tad-dinjita umana milli fuq attwazzjoni ta' sofferenza fizika jew mentali. Hawn ukoll pero kull kaz irid jittiehed singulatim skond il-fattispecie tieghu. L-umiljazzjoni ovvjament trid tmur oltre dak li hu inevitabbli minn trattament accettat f'certi cirkostanzi bhal karcerazzjoni wara sejbien ta' htija ghal reat u l-kondizzjonijiet normalment adoperati ghal kancerazzjoni ta' individwu fejn hemm ukoll elementi ta' sigurta u nuqqas ta' liberta.

L-istess bhal trattament inuman mhux necessarja l-intenzjoni li jsir it-trattament degradanti. L-intenzjoni hi fattur indikattiv biss.

Kif inghad **Interights Manual for Lawyers** rigward il-grad ta' prova:
With regard to proof of treatment contrary to Article 3, the Court generally relies on the rule that allegations of ill-treatment must be supported by appropriate evidence. In other words, the applicant bears the responsibility of providing evidence of treatment or punishment contrary to Article 3. Evidence may take the form of medical reports of injuries, but also witness statements, photographs etc. Such evidence must be able to provide concrete strongholds in order to allow the Court to asses whether the injuries indeed existed and whether they were sufficiently serious to reach the threshold of severity under Article 3

However, the Court has recognised that Convention proceedings "do not in all cases lend themselves to a rigorous application of the principle affirmanti incumbit probatio (he who alleges something must prove that allegation) because in certain instances the respondent Government alone have access to information capable of corroborating or refuting these allegations." See **Khudoyorov v Russia (2005)** at para. 112-113. Where the Government fails to submit such 1 formation without satisfactory explanation, the Court may draw inferences as to the well-foundedness of the applicant's allegations. Indeed, the Court has emphasised on many occasions that proof sufficient to reach the standard of proof of 'beyond all reasonable doubt' (discussed below) may "follow from the coexistence .of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact." See, for example, **Salman v Turkey** at para. 100 discussed below and **Mathew v Netherlands (2005)** at para. 154.

B'danakollu jibqa' in linea di massima illi kull kaz irid jitqies skond l-fatti specie tieghu. Kif ighid l-istess **Manual**:

The Court is clear that the individual circumstances of the case, and especially factors pertaining to the victim, and sometimes his or her near relatives, must be taken into account. The question as to how much weight to attribute to such factors appears to depend on the nature of the allegations and other surrounding circumstances. Thus, a domestic court is bound to take all relevant factors into account, and engage in a delicate balancing act, in considering whether a person has been subjected to torture or one of the other prohibited forms of ill-treatment.

**Provi**

Fl-affidavit tieghu r-rikorrenti jirrakonta diversi episodji in sostenn tal-lanjanzi tieghu qua vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Hu jallega illi meta kien il-Habs fil-perjodu li kien qed jistenna l-ezitu tal-appell tieghu kellu ugiegh kbir f’darsa. Ghalkemm haduh mill-ewwel ghand id-dentist tal-Habs dan ma ghamillu xejn minhabba li kellu l-apparat mhux igenizzat u r-rikorrenti xtaq li jmur ghand id-dentist privat tieghu. Ghall-ewwel ghamel xahrejn jistenna appuntament itaffi l-ugiegh bil-panadols. B’kollox ommu ghamlitlu hames appuntamenti u haduh ghand id-dentist fil-25 ta’ Marzu 2008, tlett xhur qabel gie rilaxxat mill-Habs u sena u nofs wara li talab li jmur ghand id-dentist tieghu. Inghata kors antibiotics qabel qalaghlu s-sinna minhabba infezzjoni li kellu. Wara l-intervent pero iffjamalu halqu u ghalkemm ommu regghet ghamlitlu appuntament damu biex haduh u meta ittiehed rega’ inghata pilloli ghal infezzjoni li kellu.

Hu jallega wkoll illi l-psikjatra tal-Habs Dr. Joseph Spiteri baghtu bla raguni Monte Carmeli. L-ewwel darba li ntbaghat l-isptar kien sitt xhur wara li dahal il-Habs. Hu jispjega illi habsi iehor riedu jzommlu mus u xafra fic-cella u ma riedx billi dan kien kontra r-regolamenti. Dan il-habsi kellu certu poter u qal lil habsin l-ohra ma jkellmuhx u anki hadlu xi frott u ghasafar mic-cella u inoltre semghu jghid li minhabba f’dan kienu ser itellghuh Monte Carmeli. Fil-fatt hekk gara u billi ma kienx marid irnexxilu jibda jarmi l-

pilloli li kienu jaghtuh. Hu beda johrog fil-gnien tal-isptar saghtejn kuljum u dara u ried jibqa' hemm pero habsi iehor qallu li biex jibqa' hemm irid ihallas lil psikjatra Dr. Spiteri u billi ma riedx regghu baghtuh il-Habs.

In konnessjoni ma' l-ghemil ta' Dr. Spiteri r-rikorrenti jixhed li l-probation officer Mariella Camilleri kienet ghamlet rapport pozittiv wara li kien mar lura l-Habs minn Monte Carmeli biex hu jkun jista' jinheles mill-Habs. Pero wara li kien kellimha l-psikjatra qaltlu li ma tistax tghinu billi ma kienx qed jiehu t-trattament. Habsi iehor qallu li sema' li kienu ser jergghu jibaghtuh Monte Carmeli u hekk gara. Hu sostna li dan sar b'vendikazzjoni kontrih. Hu ried li jarah Dr. David Cassar mhux Dr. Spiteri. Fil-fatt wara li kellem lil Dr. Cassar xi darbtejn kien kellem lil min kien inkarigat u fil-fatt rega' ntbaghat il-Habs ghalkemm Dr. Spiteri insista li l-Habs kien jikkmanda l-istess Dr. Spiteri.

Izid li meta kien il-Habs, ma riedx jiehu l-pilloli u l-psikjatra ordna li ma jahdimx kif kienet il-prassi ghal habsin, pero wara li saru rapprezentazzjonijiet mad-Direttur tal-Habs, dan baghtu jahdem.

B'referenza ghal Dr. Spiteri jallega illi meta dahal il-Habs fl-2006, it tabib irrifjuta li jarah billi ried jithallas biex jixhed fil-guri tieghu u dan minhabba t-telf ta' hin biex imur il-Qorti.

B'referenza ghal martu jixhed illi meta martu dahlet l-isptar taghmel operazzjoni, haduh darbtejn jaraha, darba qabel u darba wara l-operazzjoni. Dan kien f'Ottubru 2006. ghalkemm martu damet xahar l-isptar u kien hemm mumenti fejn kienet hazina hafna, ma hallewhx jerga' jmur l-isptar u dan bla ma tawh spjegazzjoni.

Meta martu ghamlet petizzjoni meta kien il-Habs, biex hu jkun jista' johrog mill-Habs, ma nghata ebda korrispondenza dwar x-sar mit-talba ta' martu ghalkemm sema' habsi jghid li kienet intremiet.

Fl-ahhar tlett xhur qabel hareg mill-Habs hu kellu l-possibilta li johrog jahdem barra mill-Habs u fil-fatt gie

offrut lilu xoghol ma’ certu Charlo Azzopardi. Id-direttur kien qallu li s-sentenza tal-Qorti ma kienitx tippermettilu johrog jahdem izda fil-fatt ma kienx hekk.

Qabel hareg mill-Habs baghtu ghalih il-psikjatra u certu Sur Zahra biex ikellmuh izda ma ridix ikellimhom ghax fil-Habs kienu trattawh hazin.

Anki l-flus li kien faddal fil-Habs mill-introjtu li kien idahhal fix-xoghol tal-Habs dan biex hadhom xi hmistax-il jum wara li hareg mill-Habs.

Id-Direttur tal-Habs Abraham Zammit li kien jahdem fil-Habs fiz-zmien li kien il-Habs ir-rikorrenti xehed illi kien jaf lir-rikorrenti u fiz-zmien li kien il-Habs gie allokat jahdem fil-kcina u mal-mechanic pero  ma tantx saddad ghalkemm fil-kcina kien wiehed mill-aktar postijiet li l-habsin jippreferu jahdmu fih. Id-direttur exebixxa r-records tad-dixxiplina, family visits u xoghol bi qliegh li kien jaghmel, u l-medical file.

Rigward kwistjonijiet medici, ix-xhud qal li l-Habs hemm erba’ tobba u prigunier li ghandu problema medika jista’ jitlob li jara tabib u generalment jarah dik il-gurnata stess. Ir-rikorrenti ntbaghat darbtejn Monte Carmeli.

Ix-xhud ma kellu ebda hjiel li r-rikorrenti qatt kellmu fuq xi episodju ta’ mus li prigunier iehor talbu jzommlu. Mill-file mediku irrizulta wkoll li r-rikorrent ittiehed ghand id-dentist Dr. Charles akkumpanjat minn zewg ufficjali fil-25 ta’ Marzu 2008. It-talba saret fl-10 ta’ Marzu 2008 u billi Mater Dei jkun hemm waiting list, ir-rikorrent ghazel li jmur privat, wara li gie riferut mid-dentist tal-Habs. Mill-file ma rrizultax li kienu saru xi hames appuntamenti qabel, li gew kancellati. Rigward applikazzjoni biex jahdem barra mill-Habs, ix-xhud qal li r-rikorrent applika fit-8 ta’ Frar 2008 u wara li saru l-verifiki normali dwar min kien ser jimpjegah u min kien ser iwasslu ghax-xoghol u lura, l-applikazzjoni giet approvata.

Id-dentist Dr. Anthony Charles qal li fl-2008 ir-rikorrenti permezz ta’ ommu ghamlet erba jew hames appuntamenti

ghal binha u zamm wiehed biss. Ma jafx jekk sarux permezz tad-Direttur tal-Habs. Kien gie biex jaqla' darsa u kien gie b'emergenza u darba ohra f'okkazzjoni precedenti gie biex jinghata antibiotics ghal infezjoni. Kien jaf lir-rikorrenti anki qabel mar ghandu biex inehhilu din is-sinna ghalkemm qabel kien qallu li ghandu bzonn trattament fuqha. Kien jiehu hsieb snienu u hu ghamillu xi crowns tal-porcellana.

Fl-2009 wara li hareg mill-Habs ghamel xi interventi lir-rikorrenti f'xi darbtejn pero waqaf jarah fl-2010. Qabel ma dahal il-Habs kien jarah kull sitt xhur ghal xi cleaning pero kellu bzonn inehhi darsa meta kien il-habs. Ix-xhud qal li avolja kien jarah regolarment qabel dahal il-Habs, jigri li sinna tithassar f'salt pero ma kienx jaf ghalfejn din is-sinna thassret meta kien il-Habs. Hu ssuggerixxa li tista' ssir bi traskuragni jew dieta hazina bhal tehid ta' hafna helu.

<u>Charlo Attard</u> habib tar-rikorrenti ghal xi 20 sena xehed li kien imur jarah il-Habs u anki meta kien Monte Carmeli ghalkemm gieli cempillu l-isptar u jaqtghawlu t-telephone meta jsaqsi ghalih. Ir-rikorrenti qallu li kellu xi problemi mal-psikjatra Dr. Spiieri fuq xi hlas li ried il-psikjatra biex jitla' jixhed fil-guri. Kellu wkoll problemi ma' habsi iehor li riedu jzomm mus u billi ma accettax kienu jtellghu lir-rikorrenti Monte Carmeli. Riedu bilfors ibellghulu l-pilloli avolja ma kellux bzonn.

Rigward snien ir-rikorrenti hu xehed li r-rikorrenti kien ikun mugugh bi snienu u l-awtoritajiet tal-Habs ma kienux jibaghtuh. Darba, meta r-rikorrenti kien jithalla johrog ghax-xoghol meta kien ghadu l-Habs, hadu hu stess ghand id-dentist. Xi zmien wara r-rikorrenti kien ifjammalu l-hanek u kien ix-xhud li ghamillu appuntament urgenti ma' Dr. Charles id-dentist, u ha n-notament tal-appuntament lil gwardjan biex jaghtih lil certu Sur George. Dan sehh xi xahrejn qabel ir-rikorrenti hareg mill-Habs. Ir-rikorrenti pero kien qallu xi zmien wara li ma haduhx ghall-appuntament.

Hu sostna li r-rikorrenti hu ragel biezel u tas-sena u mhux mignun. Dak li gara bejnu u martu kien biss dghadija tal-mument.

Omm ir-rikorrenti Tessi Caruana xehdet li tiftakar li qabel il-guri ohtu Marthese kienet qaltlu li jekk ma jmurx ghand il-psikjatra, dan kien ser jaghmillu hafna hsara. Binha kien qalilha li kien imur. Binha qalilha li l-psikjatra jrid il-flus minghandu pero ma kellux flus.

Meta mar il-Habs wara l-guri kienet tmur tarah darbtejn fil-gimgha, u anki meta ddahhal Monte Carmeli, darbtejn fuq xulxin. Kien ighidilha li kienu jaghtuh xi pilloli u hi kienet theggu jehodhom jekk kellu bzonnhom.

Meta regghu haduh il-habs kien igerger b'ugiegh fi snienu u heggigha taghmillu appuntament mad-dentist u li kien ighid lid-dirigenti tal-Habs bl-ugiegh li kellu. Missieru kien ghamillu appuntament u hi tat l-informazzjoni tal-appuntament lil Maggur tal-Habs, safejn tiftakar kien jismu Frans. Xi zmien wara pero binha kien qalilha li ma haduhx ghalkemm kien mughugh. Wara xi zmien is-sitwazzjoni baqghet l-istess. Ghamlitlu appuntament iehor u din id-darba taghtu lil martu biex tiehdu hi l-Habs. Anki ghamlet appuntament iehor u taghtu lil ohtu Marthese biex tghaddih hi lill-awtoritajiet tal-Habs. Kien wara dan it-tentattiv li binha ttiehed ghand id-dentist pero ma qalghulux is-sinna ghax kellu halqu iffjammat.

Semmiet ukoll li meta kien wasal biex johrog mill-Habs, kien hemm zmien li ma hallewhx johrog jahdem u skond binha ma kienx hemm raguni ghal dan.

Mart ir-rikorrenti Sandra Caruana xehdet li ghamlet paci ma' zewgha qabel il-guri li beda f' Lulju 2006. Zewgha kien imur ghand psikjatra Dr. Joseph Spiteri u hafna drabi zewgha kien imur wahdu ghalkemm darba kellmet lil Dr. Spiteri hi stess u kkonfermat li l-affarijiet bejnha u zewgha kienu tjiebu. Meta l-guri inqata' f'Ottubru 2006 zewgha kien ittiehed il-habs. Hi kienet tbati hafna bil-musrana u kellha tidhol l-isptar taghmel operazzjoni. Wara l-operazzjoni kienet hazina hafna tant li regghu operawha

b’emergenza. Zewgha gie jaraha darba biss avolja kellha bzonn lil zewgha maghha f’dawk iz-zminijiet difficli. Hasbet li ma riedx jaraha pero wara zewgha qalilha li ma baghtuhx. Meta harget mill-isptar kien ħu r-ragel li hadha ghandu d-dar.

Wara li harget mill-isptar u marret tara lil zewgha qalilha li kien mugugh bid-dras u illi ommu kellha taghmillu appuntament mad-dentist. Kienet tmur ma’ ommu taghmel l-appuntament u taraha taghti l-card tal-appuntament lil Maggur tal-Habs certu Frans. Dan ratu taghmlu xi erba’ darbiet. Zewgha kien ighidilha li xorta ma haduhx ghand id-dentist. Halqu intefahlu u kellu riha tinten. Meta haduh lanqas qalaghlu d-darsa ghax kellu infezzjoni. Fil-fatt qala’ d-darsa ghax meta kien jahdem fil-garage waqt li kien ghadu jservi s-sentenza hadu Charlo Attard ghand id-dentist. Dakinhar fil-ghaxija cemplilha zewgha ghax kien mugugh u rnexxielha taghmillu appuntament ghand it-tabib taghha u haduh u rrizulta li kellu infezzjoni kbira. Dam xi sena bl-ugiegh fis-snien.

Xehdet ukoll li l-awtoritajiet tal-habs qalghulu hafna inkwiet biex johrog ghal grizma tat-tifla u kien wara hafna sforzi u bl-ghajnuna ta’ ohtu li kienet tahdem il-habs li hallewh johrog. Dak iz-zmien zewgha kien Mount Carmel. Dwar Mount Carmel ir-rikorrent kien ittiehed darbtejn. L-ewwel darba kien qalilha li rrifjuta li jzomm ghandu mus ta’ prigunier iehor u haduh Mount Carmel pero t-tieni darba ma qalilhiex ghalfejn. Hi tixhed li kienet tmur tarah darbtejn fil-gimgha u ma kellu xejn hazin f’mohhu ghalkemm kienet tkellmu minn wara hgiega mhux bhal priguniera ohra li kellhom kuntatt dirett. Lanqas kienu jhalluh icempel u kienu jriduh jiehu hafna pilloli u hu kien jipprova ma jehodhomx.

Hi tkompli tixhed illi Mariella Camilleri, probabtion officer, imqabbda mill-Qorti kienet baghtitha ghand psikjatra. Mariella Camilleri kienet tissuggerilha titlaq lil zewgha ghax kien paranoid. Saret taf wara li kienet tissuggerixxi l-istess lil zewgha. Ix-xhud tichad li zewgha kien paranoid. Ghalkemm din Mariella Camilleri kienet tweghdom li qed tlesti rapport favorevoli dwarhom damet hafna ma

ghamlitu, u x-xhud ziedet li ma tafx il-kontenut tieghu ghalkemm jidher li zewgha ma nhelisx kmieni mill-habs xorta wahda. Hi tghid li ma kellhom ebda ghajnuna mill-habs. L-unika persuna li ghamlilhom gid kien Fr. Edgar u l-psikjatra Dr. David Cassar. Kienet iltaqghet ma' Dr. Cassar waqt l-appell ta' zewgha, f'Mount Carmel. Hi ma fehmitx kif zewgha kien spicca f'idejn il-psikjatra Dr. Spiteri pero taf li darba zewgha hareg minn Mount Carmel bil-hila ta' Dr. Cassr u Dr. Spiteri kien ta ordni biex zewgha ma jcempilx lil Dr. Cassar. Zewgha kien imdejjaq hafna Mount Carmel u kellu wiehed mieghu li pprova jikkommetti suicidju u zewgha zammu minghajr ma l-awtoritajiet ghenuh.

Ghalkemm ghamlet zewg petizzjonijiet biex zewgha jinheles mill-habs qabel iz-zmien, ma nghatat ebda twegiba ghalihom.

Inoltre ghalkemm habsin kienu jithallew jahdmu fl-ahhar tlett xhur qabel jinhelsu, fil-kaz ta' zewgha thalla biss jahdem fl-ahhar xahar u nofs, u dan wara pressjoni.

Anki wara li nheles mill-habs, baqa' jqum bil-lejl kollu gharaq. Ghadu jmur sallum ghand il-psikjatra Dr. Cassar u ma jistax izomm xoghol fiss bit-trauma li kellu.

Is-Surgent <u>Bernard Zahra</u> li kien stazzjonat il-Habs ghal xi zmien meta r-rikorrenti kien fil-habs qal li minn dak li jiftakar ir-rikorrenti dejjem gab ruhu sew mieghu. Kien jahdem fil-habs fuq tiswija u maintenance u anki refurbishment, kienu jitkellmu informalment u r-rikorrenti gieli kkomplejnja fuq il-psikjatra pero ma jafx ezatt x'kienet il-problema. Ma jiftakarx dwar ugiegh li seta' kellu jew li ma kienx thalla jattendi xi okkazzjoni specjali tal-familja. Safejn jiftakar kien igawdi mill-privileggi kollha tal-visti ghalkemm ghandu impressjoni li darba kien hemm xi problema fuq xi prision leave jew ried jahdem barra u r-rikorrenti ikkomplejnja mieghu.

<u>Gordon Cachia</u> li kien social worker mas-Sedqa fiz-zmien li r-rikorrenti kien l-isptar xehed li gew imqabbdin mill-habs biex jassessjaw is-sitwazzjoni tieghu. Dan kien ghal habta

ta’ Marzu 2007. Milli seta’ jiftakar ir-rikorrenti kellu problemi ta’ alcohol u l-opzjonijiet keinu jew programm residenzjali jew group meetings li ma jsirux il-habs. Sar request lil Board tal-Habs f’dak il-perjodu stess. Safejn jiftakar il-programm residenzjali ma kienx gie accettat ghax dan seta’ jsir fl-ahhar zminijiet qabel hasbi jigi rilaxxat. Saret talba ghal group meetings li tista’ ssir fil kwalunkwe perjodu ta’ inkarcerazzjoni pero ma jiftakarx il-Bord kienx irrisponda ghal din it-talba.

Mhux ix-xorb l-aktar li kien idejjaq lir-rikorrenti izda problemi li kien ikollu fil-habs. Ir-rikorrenti semmielu li kellu bzonn dentist u ma nghatax is-servizz. Dan kien fl-ewwel xhur. Ix-xhud qal li hu dam jarah regolarment xi xhur biss imbaghad forsi kien ikollu kuntatt mar-rikorrent bit-telephone. L-inkontri kienu jsiru darba fil-gimgha ghall-ewwel u imbaghad naqsu. Il-vizti waqfu ghax hassew li ma kienx hemm bzonn aktar ghas-servizz. Il-complaints tar-rikorrenti kienu dwar snienu u ghax tal-habs ma kellux isegwi l-programm rigward ix-xorb. Rigward il-psikjatra hu ftakar li rieduh jiehu medicini li skond hu ma kellux bzonn.

Rigward habsin ohra r-rikorrenti kien ighidlu jwarrabhom biex ma jidholx fi trouble. Ix-xhud qal li r-rikorrenti kellu awareness biex jimmeljora ruhu izda kien jhewden fuq affarijiet li ghalih kienu importanti pero jekk jibqa’ jahseb fuqhom ma kienx ser ihalluh seren. Il-vizti kienu jhallu kambjament ghal ahjar fir-rikorrenti. Dwar familjari kien ighid li jigu jarawh u kellu relazzjoni tajba maghhom.

Is-social worker l-iehor li kien ikun max-xhud Cachia cioe Melchior Ellul jixhed li damu jsewgu lir-rikorrenti fuq talba tal-habs sakemm dam il-habs u ghalkemm kellu problemi ta’ alcohol u talbu lil habs biex jibbenefika minn xi programmi, dawn gew rifjutati pero ma jafx ir-raguni. Ir-rikorrenti kien jallega li qed jigi diskriminat fuq din il-kwistjoni u anki ghaliex il-habs ma pprovdewlux treatment meta kellu bzonn dentist. Din il-kwistjoni damet xi xhur ghaddejja pero ma jafx kemm, sakemm ir-rikorrenti inghata treatment pero mhux tramite l-habs. Ir-rikorrenti kien jilmenta minn treatment li rrid jaghtih il-psikjatra li pero hu ma riedx jiehu. Ir-rikorrenti kien semmielu wkoll

episodju fejn habsi iehor talbu jzommlu xafra u ma riedx. Hu kien jara lir-rikorrenti darba fil-gimgha w imbaghad darba fil-hmistax. Kienu konsistenti hafna u r-rikorrenti ghamel kambjament ghal ahjar. Ir-rikorrenti u huma bnew relazzjoni tajba hafna tant li r-rikorrenti kien ighidilhom li kien jafda lilhom biss.

P.C. George Camilleri stazzjonat il-habs li jiehu hsieb certu xoghol tal-inmate services xehed li r-rikorrenti kien imur ghandu japplika ghal extended visits u prision leave. Ix-xhud specifika li bbenefika minn tlett okkazjonijiet ghal prison leave biex jattendi okkazjonijiet bhal parties u darbtejn compassion leave relatati ma’ mard. Mid-dokumenti li kellu ma deherx li r-rikorrenti talab xi haga li kienet tikkompeti lix-xhud u giet michuda.

Roberta Holland forensic psychologist fil-habs qalet li bhal kull inmate iehor ghamlet intake assessment lir-rikorrenti malli dahal fil-habs. Ziedet li ghamlet zewg rapporti ohra wiehed meta ried japplika ghal substance abuse programme u iehor meta kien ghamel petition. Darba kellmet ukoll lil mara tieghu meta kien talab li johrog jahdem tlett xhur qabel ma jitlaq mill-habs kif inhi l-prassi. Martu ma kellhiex oggezzjoni u kellha relazzjoni tajba mieghu, fejn kellha extended visits fil-habs. Dawn ir-rapporti ma tkunx ghamlithom minn jeddha izda fuq talba. Qalet ukoll li in konnessjoni mat-treatment programme ratu xi seba’ darbiet bejn Frar u Novembru 2007 ghalkemm ma ghandhiex record x’ikun intqal ghax probabilment ikun gie l-inmate l-ufficju isaqsi jekk kienx hemm xi risposta fuq it-talba tieghu. Jidhrilha li kien hemm nuqqas ta’ qbil fuq is-substance abuse programme ghax ir-rikorrenti ried imur mill-ewwel mentri d-decizjoni kienet li jibda jattendi gruppi fil-habs soggett ghal review. Qalet ukoll li ghalkemm taf mill-file tal-habs li r-rikorrenti kien intbaghat il-forensic unit minhabba xi problemi psikologici r-rikorrenti kien jirrifjuta d-djanjosi w anki subsequent treatments suggeriti lilu billi kien isostni li ma ghandux bzonnhom.

Hi kienet issuggeriet therapy sessions inkluz marital therapy sessions meta jinheles mill-habs, u anki fil-perjodu li kien ghadu l-habs.

Meta rriferit fid-dettall ghall-ewwel intake assessment qalet li r-records taghha juru illi kien jidher kalm u trankwil u b'anqas stress minhabba li l-jury kien deciz. Staqsietu dwar is-sintomi tad-depression u ghandha nota li kien ikellem lill-psikjatra Dr. Spiteri. Innega li kien ibati minn depression pero gieli kien ihossu ftit anzjuz. Kienet ghamlet nota ghal referral lil Dr. Spiteri biex tigbidlu l-attenzjoni.

Il-Maggur Anthony Cutajar li kien stazzjonat fil-habs fi zmien li kien il-habs ir-rikorrenti, qali li billi oht ir-rikorrenti kienet ufficjal fil-habs kien poggew lir-rikorrenti l-infermerija biex ikollu inqas kuntatt ma prigunieri ohra u ghalhekk titnaqqas kull tensjoni li tista' tigi kawzata. Kien qal lir-rikorrenti biex ikellmu jekk ikollu bzonn xi haga u kull meta kellu probelma, dejjem irrangawha. Qal li bhala hafna prigunieri r-rikorrenti sab ruhu qisu huta barra mill-ilma. Inoltre kien qabad mieghu prigunier iehor ghalkemm ix-xhud dejjem intervjena biex izomm is-sitwazzjoni kalma. Dan il-prigunier certu Paul Hili ried idahhal prigunier iehor fid-division li kien fiha, flok ir-rikorrenti. Semma' wkoll li r-rikorrenti kien igerger fuq appuntamenti li ried isirulu u ma kienux isiru. Hu dejjem ipprova jiggwida lir-rikorrenti u jghidlu jaghmel kollox skond ir-regoli. Fejn ix-xhud seta' jaqbez ghalih, dejjem ghamlu. Jiftakar li r-rikorrenti ried imur jara l-mara l-isptar u kif inhi l-procedura infetah file. Ma jafx x'gara ezatt ghax irid jinfetah ministerial file u jghaddi minn diversi channels ufficjali. Safejn jiftakar pero ma kienx thalla jmur jara l-mara. Zied li fl-ewwel tlett xhur habs prigunier ma jithalliex johrog jekk mhux ghal raguni gravi hafna.

Rigward prigunier iehor Brian Zammit dan ried jiehu post ir-rikorrenti fl-infermerija izda x-xhud qatt ma ppermettih.

Jaf li r-rikorrenti intbaghat il-forensic unit meta kien il-habs pero jiftakar li r-rikorrenti ma riedx jiehu pilloli li kienu qed

jigu suggeriti li jiehu u wara laqgha mad-Direttur tal-Habs taw parir lir-rikorrenti li jehodhom jekk ihoss il-bzonn.

Fiz-zmien li kien il-habs ir-rikorrenti kien intbaghat jahdem ma’ mekkanic tal-habs biex jaljena u ma jkunx dejjem fl-istess post cioe l-infermeria. Din kienet parti mit-terapija.

Qal li b’kollox kien jara lir-rikorrenti xi sitta jew seba’ darbiet f’sena. Qal li kull talba trid tghaddi minn certi channels. Certu talbiet kien jipprova jispjega li mhux ser jintlaqghu minhabba li hemm direttivi u regolamenti tal-habs li jriedu jigu segwiti. Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx b’okkazzjoni fejn kien involut ix-xhud fejn ir-rikorrenti ma nghatax dak li kellu dritt ghalih jew saret ingustizzja mieghu, ix-xhud irrisponda li ma kienx hemm ghax dejjem ghinu fejn seta’ u kien jintlaqa’ s-suggeriment li kien jaghmel mis-superjuri tieghu fl-interess tal-rikorrent.

Xehdet id-dentista Roanna Borg li tahdem ghal rasha fi klinika Rahal Gdid u qalet li mill-file taghha r-rikorrenti ratu darbtejn, darba f’Mejju 2008 fejn haditlu x-ray ta’ ferita ta’ darsa upper right li kienet inqalghet qabel u mill-x-xray deher li kollox kien sew. Ir-rimarka li ghamlet fil-file kien ’nil relevant’ u ghalhekk jista’ jkun li kien hemm biss xi ugiegh hafif li ghalih tkun ippreskriviet pain killer. Ratu wkoll fis-17 ta’ Frar 2012 ghal tindif tas-snien.

Xehed il-psikjatra Dr. David Cassar li qal li ra lir-rikorrent l-ewwel darba fl-isptar Monte Carmeli fl-2003 ibati minn agitazzjoni u ansjeta qawwija hafna, u r-rikorrenti kien qallu li kien ilu granet ma jorqod u bla ikel. Dan kien ftit wara l-incident ma’ martu. Dam xi hames gimghat l-isptar u meta kkalma gie rilaxxjat. In-notament suggegwenti li kellu x-xhud hu meta r-rikorrent gie riferit l-isptar mill-habs minghand Dr. Joseph Spiteri f’Dicembru 2006 u gie rilaxxjat f’Jannar 2007. F’din l-okkazjoni x-xhud ma kienx rah. Kien iddahhal ghax kellu ansjeta u preokkupat li kien hemm xi prigunier il-habs idejqu. Ir-rikorrenti rega’ ddahhal Monte Carmeli fi Frar 2007 cioe ftit wara u Dr. Sptieri kien talbu jarah ghax r-rikorrenti kien qed jrrifjuta treatment ghax kien qed ighid li mhux marid u li kien hemm persuna qed iddejjqu. Ix-xhud ma ftakarx

issemmiex xi mus pero mir-records ma kellu xejn li jindika li ssemma xi mus. Fit-tieni okkazzjoni r-rikorrent dam hmistax l-isptar u x-xhud rah darbtejn u kellem lil martu. Zied li Dr. Spiteri kien qallu li r-rikorrent ried li jkun taht il-kura tieghu billi kien jafu precedentement u kien jafdah.

Dr. Cassar iddeskriva lir-rikorrent bhala persuna sensittiva hafna, teknikament maghrufa 'paranoid personality' li ggeghlu jhoss hafna u jiehu ghalih hafna. In oltre r-rikorrent hu persona anzjuz, jinkwieta hafna u jecita ruhu hafna u l-istess ihoss hafna. Illum fil-fatt ir-rikorrent ghadu taht il-kura tieghu ghal ansjeta. Fiz-zmien li rah kien anzjuz u preokkupat u jirrifjuta li jiehu kura. Ir-rikorrent kien taht stress kemm minhabba l-ambjent tal-habs u c-cirkostanzi li kien jinsab fihom. Ix-xhud qal li meta rah it-tieni darba r-rikorrent kellu bzonn kura, illi kien hemm bzonn li r-rikorrent jintbaghat Monte Carmeli ghal opinjoni tieghu. F'Marzu 2007 hu rrakomanda li r-rikorrent seta' jerga' jintbaghat il-habs.

Ix-xhud qal li r-rikorrenti mhux bniedem malinn pero minhabba l-ansjeta li jbati minnha certi affarijiet ihosshom aktar u jista' jimmisinterpretahom.

Fr. Franceso Fenech, kappillan u direttur spiritwali fil-habs xehed illi mill-ftit li jaf lir-rikorrent ftakar li darba kellmu fuq xi ugiegh fid-dras u x-xhud ressaq l-ilment tieghu lid-direttur tal-habs, kif kien jaghmel meta jkellmuh inmates ohra pero ma kien isegwi x'jigri mill-lat amministrattiv. Ix-xhud ma jiftakarx li r-rikorrenti kellmu fuq xi mus jew xafra. Meta kien ikellmu kien ikun kalm pero gieli lmenta li ma hallewhx jara l-martu pero x-xhud ma fehmx x'kienet ir-raguni tal-projbizzjoni.

Mart ir-rikorrent regghet xehdet dwar meta kellha tigi operata malajr l-isptar meta zewgha kien ili tlett xhur il-habs. Kienet operazzjoni serja u anki kienet fl-ITU u damet xahar l-isptar fejn lil zewgha baghtuh jaraha darba biss, xi hmistax wara. Hi ma kellhiex min jaraha u kienu jarawha ommha anzjana u t-tfal u habiba taghha biss.

Xehdet bint ir-rikorrenti <u>Francesa Caruana</u> ta’ 18-il sena li qalet meta missierha kien Monte Carmeli kienu jarawh biss minn wara hgiega mhux bhal pazjenti ohra. Ziiedet li missierha kien ibati bis-snien u ma kienux hallewh jara dentist u mar ghand dentist ghax hadu habib minn fuq ix-xoghol. Lanqas hallewh jattendi l-grizma ta’ bintu Anthea jew li johrog ghax-xoghol qabel johroq mill-habs kif kienet il-prassi.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti hasset li ghandha taghmel referenza shiha ghax-xiehda kollha moghtija biex tkun f’pozizzjoni ahjar tizen l-ilmenti tar-rikorrenti mal-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu.

Fl-ewwel lok irid jigi rilevat illi r-rikorrenti kien jinsab il-habs fiz-zmien tal-allegati episodji li fihom allegatament gie maltrattat fizikament jew mentalment. Bhal kull habsi r-rikorrenti kien obbligat josserva regoli u formalitajiet amministrativi qabel jinghata permess jaghmel xi haga li jkun talab li ssir. Ir-rikorrenti ma jistax jippretendi li kull talba setghet tigi milqugha fuq semplici rikjesta tieghu verbali minghajr osservanza tal-protokolli necessarji, sakemm ma jkunx kaz ta’ emergenza li t-telf ta’ zmien tista’ tipperikola l-hajja jew l-inkolumita tal-bniedem. Fl-istess waqt pero, f’cirkostanzi gravi u ta’ emergenza l-Qorti ghandha jedd tippretendi li l-awtoritajiet tal-habs jiehdu mizuri fl-iqsar zmien possibbli biex il-habsi ma jsofri ebda ingustizzja jew hsara fizika jew mentali u dan biex il-habsi jinghata d-dinjita ta’ bniedem li jisthoqqlu.

F’dan il-kaz il-Qorti ser tirreferi ghall-lanjanzi li ghamel ir-rikorrenti. Wahda mill-akbar lanjanzi kienet diretta lejn il-psikjatra tal-habs Dr. Spiteri li skond ir-rikorrenti kien qed jabbuza mill-kariga tieghu billi jitratta lir-rikorrenti bhala marid meta fil-fatt ma kienx u jaghtih pilloli bla bzonn. Hu jzid illi kien Dr. Cassar li irnexxielu johorgu minn dan l-agir abusiv.

Il-provi invece juru illi r-rikorrenti kellu bzonn ta’ kura psikjatrika sa minn qabel spicca l-guri tieghu tant li fid-

decizjoni tal-Qorti Kriminali (fol. 200 tal-process) jinghad hekk:
“hemm imbaghad, il-preokkupazzjoni principali ta' din il-Qorti:

• "Dr Spiteri jghid li d-djanjozi ta' Paul Caruana baqghet ta' morbid jealousy filwaqt li bdew johorgu paranoid traits. Dr Spiteri wera l-preokkupazzjoni tieghu dwar il-fatt li fil-kommunita ma jistax jigi enforzat trattament piskjatriku kontra r-rieda ta' persuna. Gol-habs dan ma jistax isir lanqas, biss permess tal-Mental Health Act ikun jista' jintbaghat ghall-osservazzjoni gewwa l-Forensic Unit." - pagna 18

• "Dr Cassar jghid li ghalkemm mill-kuntatti li kellu ma' Paul Caruana matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, ma jirrizultalux li Paul qed ibati minn stat ta' genn, huwa seta' jinnota li minhabba stat ta' fissazzjoni qawwija jista' jibqa' anzjuz hafna. Dr Cassar jghid li l-aktar li hija nkwetanti hija r-rigidita u l-fissazzjoni fl-imhabba tieghu lejn martu." - pagna 18.)”

Dr. Cassar li xehed f’din il-kawza u x-xiehda tieghu hi riportata anki f’din is-sentenza ma jghid fl-ebda hin li r-rikorrenti kien qed jiehu jew jigi preskritt medicinali bla bzonn jew li ddahhal l-isptar mill-habs bla ebda raguni. Anzi jixhed il-kuntrarju dwar l-istat mentali tar-rikorrenti. Dan jispjega wkoll il-persekuzzjoni li r-rikorrenti jallega kienet issirlu minghand prigunier iehor li ma jirrizultax pruvat u l-unika prova li harget kienet minghand il-Maggur Anthony Cutajar li spjega cirkostanzi fejn prigunier ried idahhal prigunier iehor fid-division tieghu flok ir-rikorrenti li kienet giet risolta a beneficju tal-istess rikorrenti. Rigward l-allegazzjonijet li r-rikorrenti isemmi dwar mus li prigunier iehor ried li jzommlu ma rrizulta xejn.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti li din il-lanjanza mhix gustifikata.

Ir-rikorrenti jilmenta wkoll li martu ddahlet l-isptar u kellha taghmel operazzjoni serja tlett xhur wara li ddahhal il-habs. Hu thalla jaraha darbtejn biss. Il-Qorti tissimpatizza

mar-rikorrenti li ma setghax ikun ma' martu l-hin kollu f'dan il-perjodu difficli ghaliha pero ma jistax jippretendi r-rikorrenti li ghandu jithalla johrog mill-habs x'hin irid biex ikun hdejn martu. Hu talab li jzur lil martu u l-awtoritajiet tal-habs accettaw li jzur lil martu f'zewg okkazjonijiet cioe fl-10 u 13 ta' Ottubru 2006 tul it-18-il jum li martu damet l-isptar. L-ammont ta' drabi li thalla jzur lil martu ma jistax jitqies bhala kaz gravi ta' trattament degrandanti fil-konfront tar-rikorrenti. Li kieku wiehed jista' jidhol u johrog mill-habs meta jixtieq, l-iskop tal-inkarcerazzjoni tispicca. Hu minnu illi l-operazzjoni ta' martu kienet serja pero r-rikorrenti kellu wkoll jifhem illi hu ma kienx liberu li jmur fejn martu meta u x'hin irid. Il-Qorti tqis illi skond section 14(4) tal-General Ministerial Directives, fl-ewwel sitt xhur (ara document intitolat Prison Leave fl-atti) il-habsin ma jithallewx jaghmlu vizti barra l-habs u r-rikorrenti jirrizulta li kien ghadu kif ghalaq it-tlett xhur u l-fatt li thalla f'perjodu ta' 18-il gurnata li damet l-isptar martu, jaraha drabtejn darba minnhom l-ghada tal-operazzjoni stess ma ghandux jitqies bhala trattament inuman iktar u iktar meta fil-fatt l-operazzjoni fuq martu saret f'nofs dan il-perjodu cioe fit-12 ta' Ottubru 2006 kif jidher mill-file mediku Dok. SC1 a fol. 212 et seq. tal-process. Irid jitqies li hrug mill-habs dejjem isir bi skorta u zgur li r-rikorrenti ma kienx l-uniku habsi li ghamel talbiet biex johrog mill-habs u ghalhekk jethieg koordinament mill-forzi tal-habs.

L-istess jinghad ghal kwistjoni dwar is-snien. Il-provi konfuzi urew illi r-rikorrenti kien gie mehud ghand id-dentist privat tieghu Dr. Charles li trattalu darsa iffjamata u iktar tard qalaghhilu. Dan kien f'Marzu 2008 kif jixhed l-istess direttur tal-habs Abraham Zammit li qal li mill-file tal-habs irrizulta li t-talba saret fl-10 ta' Marzu 2008 u ttiehed ghand id-dentist privat fil-25 ta' Marzu 2008, billi d-dentist tal-habs li kien rah irreferih ghal Mater Dei pero Mater Dei jkun hemm lista twila. L-istess direttur ma kellu ebda notamenti fil-file li kienu saru xi talbiet ohra precedenti biex imur jara dentist. Omm u mart ir-rikorrenti jallegaw li ghamlu xi hames appuntamenti pero gew injorati. Invece Dr. Charles ighid biss li mieghu kienu saru xi erba' appuntamenti min ommu u zamm wiehed. Izid ukoll illi kien jara lir-rikorrenti spiss qabel dabel il-habs u illi

d-dras jistghu jithassru f'salt u l-kaguni tista' tkun traskuragni jew dieta hazina. Il-Qorti hi propensa tahseb illi omm ir-rikorrenti qabdet u ffissat appuntamenti minn jeddha bla ma kien ghad hemm l-approvazzjoni tal-awtoritajiet tal-habs biex ir-rikorrenti jigi skortat ghand id-dentist privat tieghu. Il-Qorti in oltre thoss illi terminu ta' 15-il jum sakemm rah id-dentist tal-habs u rriferieh ghal Mater Dei u fejn ir-rikorrenti ma riedx jistenna fit-tul u ghalhekk talab li jara dentist privat mhux xi terminu li jista' jitqies bhala atteggjament degradanti jew inuman fuq ir-rikorrenti. Ma' dan il-Qorti wkoll tirreferi ghax-xhieda tad-dentista Roanna Borg li rat lir-rikorrenti f'Mejju 2008 u fejn irrizultalha illi mill-x-ray li hadet tad-darsa maqlugha ma deher xejn anormali. Ma jistghax jinghad li l-awtoritajiet injoraw lir-rikorrenti izda biss illi l-proceduri fil-habs jiehdu certu zmien biex jigu attwati u approvati permessi. It-terminu f'dan il-kaz ma jistax jitqies irragonevoli jew li l-inkonvenjent ghar-rikorrenti kien sever. Hawn ukoll il-Qorti mhix konvinta illi l-awtoritajiet tal-habs b'xi mod assoggettaw lir-rikorrenti ghal xi trattament inuman u kkawzawlu sofferenza fizika inutili b'xi dewmien negligenti jew volontarju li jintbaghat ghand id-dentist tieghu.

Ir-rikorrenti wkoll jirreferi ghal tfixkil li hu isib min habsi iehor, li ma thalliex johrog ghax-xoghol mill-ewwel fl-ahhar tlett xhur qabel inhareg mill-habs kif kienet il-prassi, pero dawn l-allegazzjonijiet ma jsibu ebda sostenn fil-fatti u aktar minn hekk ma jsibu ebda korrelazzjoni ma' xi azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni da part ital-awtoritajiet tal-habs.

Ix-xiehda ta' social worker, il-forensic psychologist tal-habs, il-pulizija li kienu jiehdu hsieb l-ilmenti tal-habsin fosthom PC George Camilleri, Surgent Bernard Zahra u l-Maggur Anthony Cutajar u l-qassis tal-habs kollha urew illi dejjem kienu lesti jghinu safejn jippermettu r-regoli tal-habs fil-bzonnijiet tar-rikorrenti. Saret prova bl-elenku tal-ammont konsiderevoli ta' visti li kellu r-rikorrenti l-habs u Monte Carmeli Dok. PC1 a fol 31 tal-process, hlasijiet li saru lir-rikorrenti meta kien jinghata xoghol il-habs Dok. PC2 a fol 35 tal-process. Hemm il-prova fid-dokumenti tal-pre release work fejn jirrizulta li fil-fatt thalla jahdem fit-8 ta' April 2008 u nheles mill-habs fil-25 ta' Gunju 2008 li juri

li fil-fatt, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, thalla jahdem barra ghal tlett xhur qabel ir-rilaxx definittiv tieghu. Bl-istess mod f'diversi okkazzjonijiet ir-rikorrenti thalla jzur familjari, bhal missieru u lil bintu meta ghamlet l-ewwel tqarbina u birthday. Dawn jirrizultaw mill-file fl-atti intitolat 'Family Occasions'.

Il-Qorti tqis li ma ngiebet ebda prova illi l-awtoritajiet tal habs ma aggixxewx b'mod tajjeb mar-rikorrenti u illi safejn jippermettu r-regoli tal-habs dejjem applikawhom favur ir-rikorrenti. Jekk ghal grazzja tal-argument kien hemm xi talba tar-rikorrenti li ma gietx accettata, il-Qorti ma rriskontrat ebda prova tat-talba per se jew li t-talba ma ntlaqghitx bla ebda gustifikazzjoni u li dan in-nuqqas kien tali li kienet tikwevali ghal trattament degradanti jew inuman.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Saviour Spiteri et vs Il-Korporazzjoni Enemalta et** (Kost 11/07/2013):
Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati[2], jeħtieġ ċertu grad ta' gravita'"[3]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[4];

Il-Qorti tqis illi limitatament ghal dak li jikkoncerna l-kwistjoni tal-ugiegh fi snien ir-rikorrenti, dan ikkreja disaggju u inkonvenjenza fil-konfront tieghu li pero ma kienx tali u ta' severita li jista' jitqis li kien jikkostitwixxi trattament degradanti fil-konfront tieghu. Hu minnu illi l-istat mentali tar-rikorrenti ma ghinux anzi f'certi cirkostanzi tefghuh lura pero x-xhieda prodotta turi illi r-rikorrenti inghata l-attenzjoni u gie trattat b'mod uman ghal ahhar mill-awtoritajiet tal-habs u l-professjonisti kollha li attendewh u assistewh tul iz-zmien li dam inkarcerat.

---

[2] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[3] Kost. 20.7.1977 fil-kawża fl-ismijiet **Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[4] Kost. 18.11.1989 fil-kawża fl-ismijiet **Testa vs Attard noe et** (Kollez. Vol: LXXIII.i.185)

Il-Qorti tqis li ma hemmx kaz li jimmerita ezitu favorevoli fil-konfront tar-rikorrenti billi ma gie ppruvat ebda forma ta' trattament degradanti jew umiljanti sewwa kif trid il-ligi.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ma gie lez ebda dritt fundamentali tar-rikorrenti u tichad it-talbiet tieghu. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------